**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Rikors numru 85/2016**

**J. Zammit Limited**
**(C-37945)**

**vs**

**Gordon Agius**
**(185472M)**

**Illum, 27 ta' Ġunju 2018**

Il-Qorti;

Rat r-rikors tas-socjetà rikorrenti li talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimat iħallas:

> s-somma ta' sitt elef, tliet mija tmienja u tletin Euro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€6,338.52) jew kull somma oħra verjuri li tiġi likwidata minn din il-Qorti sal-kompetenza massima tagħha, bilanċ tal-prezz ta' vettura tat-tip Peugeot 407 SV HDI mibjugħa lilek mis-socjetà attriċi bi ftehim ta' bejnietkom datat 5 ta' Ġunju 2012 (Dokument 'A').

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Inti ngunt ukoll biex tidher għas-subizzjoni.

Rat ukoll ir-risposta tal-intimat li tgħid hekk:

1. Illi preliminarjament jiġi relavat illi s-socjetà attriċi naqset milli tindika f'liema Qorti qegħda tintavola ir-rikors tagħha u dan peress li hemm żewġt Qrati indikati u cioè Qorti tal-Maġistrati (Malta) u/jew Qorti tal-Maġistrati (Għawdex).

2. Illi mingħajr pregudizzju għas-suespost it-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fi dritt u dan peress illi s-somma reklamata mis-socjetà attriċi ma hijiex dovuta.

3. Illi mingħajr pregudizzju għas-suespost l-azzjoni tas-socjetà attriċi għandha tiġi miċħuda bl-ispejjaż kontra l-istess u dan peress is-socjetà attriċi qed tibbaża l-azzjoni tagħha għal bilanċ tal-prezz ta' vettura tat-tip Peugeot 407 SV HDI mibjugħa mis-socjetà attriċi lil esponenti u dan skont ftehim datat 5 ta' Ġunju 2012. Illi fuq l-istess vettura diġà kien hemm pronunzjament mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur fil-kawża fl-ismijiet 'Gordon Agius vs J Zammit Limited' datata 3 ta' Marzu 2016 (hawn annessa u mmarkata bħala Dok GA 1) fejn ġie deċiż illi l-istess vettura kellha numru ta' ħsarat, b'hekk jidher ċar illi socjetà attriċi naqset mill-obbligi tagħha.

4. Illi mingħajr pregudizzju għas-suespost fid-deċizjoni tiegħu it-Tribunal għat Talbiet tal-Konsumatur fl-ismijiet premessi iddeċieda s-segwenti:-

> *"Jordna lis-socjetà J Zammit Limited sabiex fi żmien għaxar t'ijiem tinstalla sensor unit ġdid u oriġinali fil-vettura tar-rikorrenti u dan kollu għas-spejjeż tal-istess socjetà J Zammit Limited..."*

Illi għalhekk isegwi illi fil-fatt is-socjetà attriċi minflok ma mxiet skond l-ordni mogħtija mill-Onorabbli Tribunal għaddiet sabiex tippreżenta r-rikors promotur. Illi għalhekk isegwi illi gia la darba is-socjetà attriċi naqset milli tonora l-obbligi tagħha u tagħmel ir-riparazzjonijiet neċessarji fil-vettura surreferita hija ma tistax tippretendi il-ħlas hekk kif minnha reklamata fl-istess rikors. Illi għalhekk din l-Onorrabli Qorti għandha tiċħad it-talba attriċi bl-ispejjeż kontra s-socjetà attriċi;

5. Illi mingħajr pregudizzju għas-suespost is-somma ta' sitt elef tliet mija tmienja u tletin ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€6,338.52) ma humiex dovuti u dan stante illi anke skont id-deċizjoni tal-Onorabbli Tribunal fuq ċitat is-socjetà attriċi kienet ikkundanata tħallas is-somma ta' mitejn ewro (€200) stabbilita ex aequo et bono flimkien mal-ispejjeż;

6. Illi mingħajr pregudizzju għas-suespost l-azzjoni attriċi għanda tiġi miċħuda u dan stante illi ftehim datat 5 ta' Ġunju 2012 bejn il-partijiet anness mar-rikors promotur li fuqu hija bbażata l-kawża odjerna l-anqas biss huwa iffirmat mis-socjetà attriċi.

Bl-ispejjeż kontra is-socjetà attriċi li min issa hija nġunta in subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet orali tas-socjetà rikorrenti fis-seduta tat-02 ta' Mejju 2018.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawza ghall-hlas ta' somma ta' sitt elef, tliet mija tmienja u tletin Euro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€6,338.52) jew kull somma oħra verjuri li tiġi likwidata minn din il-Qorti sal-kompetenza massima tagħha, bilanċ tal-prezz ta' vettura. L-intimat jeccepixxi li (a) s-socjetà rikorrenti naqset li tindika f'liema qorti qed tintavola r-rikors taghha; (b) t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li s-somma reklamata ma hiex dovuta; (c) Fit-03 ta' Marzu 2016 gia kien hemm sentenza mit-Tribunal ghall-Konsumatur fl-ismijiet Gordon Agius vs J Zammit Ltd fejn gie deciz li l-vettura kellha numru ta' hsarat u ghalhekk s-socjetà attrici naqset mill-obbligi taghha; (d) Ai termini tal-istess sentenza s-socjetà rikorrenti kellha taghmel tajjeb ghall-hsarat, minflok istitwit din il-kawza; (e) l-ammont reklamat lanqas ma hu dovut ghaliex l-istess sentenza kkundannat lis-socjetà rikorenti ukoll ghall-hlas ta' mitejn

Ewro u l-ispejjez; u (f) il-ftehim li fuqu s-socjetà rikorrenti qed tibbaza l-azzjoni taghha ma hux iffirmat mill-istess socjetà.

Preliminarjament, l-intimat jeccepixxi li s-socjetà intimata naqset milli tindika quddiem liema Qorti qed tistitwixxi l-kawza minhabba li l-avviz igib l-isem ta' zewg Qrati u cioè "Il-Qorti tal-Magistrati Malta" u "Il-Qorti tal-Magistrati Ghawdex" u dan kif jidher car mill-istess Avviz a folio 1 tal-process. Is-socjetà rikorrenti ma talbet l-ebda korrezzjoni, li setghet facilment issir ai termini tal-Artiklu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, f'dan ir-rigward izda ghamlet biss sottomissjoni fis-sottomissjonijiet finali taghha illi huwa car li l-Qorti kompetenti hija dik f'Malta stante li s-socjetà rikorrenti hija stabbilita f'Malta.

Din is-sottomissjoni ma tregix ghaliex il-punt decisiv dwar kompetenza ai termini tal-Artiklu 742 tal-Kapitolu 12 huwa r-residenza tal-intimat u sekondarjament il-post fejn issehh it-transazzjoni.

Fil-kaz odjern l-intimat huwa residenti Malta u t-transazzjoni sehhet ukoll Malta. Ghalhekk il-Qorti kompetenti hija l-Qorti tal-Magistrati Malta. Illi tali korrezzjoni tista' ssir ukoll ex ufficio da parti tal-Qorti anke fi stadju ta' Appell. Il-Qorti ghalhekk qeghda tordna tali korrezzjoni kull fejn huwa mehtieg fl-atti processwali kollha.

Illi kif inhu ben saput il-principji li jirregolaw kawza huma primarjament dawk applikabbli ghall-premessi li fuqhom tkun imsejsa l-istess kawza u limitatament imbaghad dawk applikabbli ghall-eccezzjonijiet. Il-kawza in ezami hija msejsa fuq kawzali ta' bejgh ta' vettura ai termini tal-kuntratt esebit a folio 2 tal-process Dok "A". Mill-istess kuntratt esebit mis-socjeta rikorrenti johorgu zewg problemi ghat-talba tas-socjetà rikorrenti. Fl-ewwel lok, il-kuntratt kif eccepiet mill-intimat ma hux iffirmat mis-socjetà rikorrenti u ghalhekk ma jorbotx lill-

partijiet. Fit-tieni lok il-kuntratt huwa kuntratt ta' 'hire purchase' u mhux kuntratt ta' bejgh.

Illi mid-dokumenti esebiti mir-rikorrenti stess u senjatament JZ1 sa JZ22 a folio 24 et sequitur tal-process jirrizulta li fil-fatt il-partijiet ghamlu kuntratt ta' 'hire purchase' u mhux kuntratt ta' bejgh, minn liema kuntratt jirrizulta fic-car illi l-proprjetà tal-vettura ma kinitx se tghaddi ghand l-intimat qabel ma jsir l-ahhar pagament dovut u s-sid tal-vettura baqghet is-socjetà rikorrenti.

Illi s-socjetà rikorrenti tghid illi hija hadet lura l-vettura u dan kif  xehed l-istess rapprezentant a folio 22 li ddikjara illi l-vettura ttiehdet minn kunsinnatarju. Però li l-vettura tinsab ghand kunsinnatarju mahtur mill-Qorti ma ngabet ebda prova u ghalhekk l-unika prova li hemm hi li l-vettura ttiehdet mis-socjetà attrici, kif iddikjara l-istess rapprezentant taghha.  Illi ghalhekk is-socjetà rikorrenti ghandha l-vettura fil-pussess taghha u fl-istess hin qed titlob il-hlas tal-bilanc dovut, zewg talbiet li mhumiex kompatibbli ma' xulxin.

Is-socjetà rikorrenti kellha fil-fatt taghzel hux se tkompli taghti effett lill-kuntratt pendenti bejn il-partijiet u tezigi l-kumplament tal-hlas dovut jew inkella hux se tiehu lura l-pussess tal-vettura u tirrinunzja ghall-hlasijiet li kienu ghadhom dovuti, u dan minghajr pregudizzju ghad-drittijiet taghha li jistghu jirrizultaw mill-ftehim bejn il-partijiet. Is-socjetà rikorrenti ma setetx tibbenefika miz-zewg sitwazzjonijiet ghad-detriment tal-intimat. Ladarba ghazlet li tiehu lura l-vettura ma tistax titlob ukoll il-kumplament tal-hlasijiet li altrimenti kienu jkunu dovuti mill-intimat. Dan kif digà gie deciz diversi drabi mill-Qrati taghna.

Illi l-intimat jeccepixxi wkoll illi huwa kien digà ghamel diversi pagamenti, u ma kompliex ihallas minhabba hsarat li rrizultaw fil-vettura. Fil-fatt huwa istitwixxa kawza quddiem it-Tribunal tal-Konsumatur b'ezitu favorevoli flimkien ma' l-ispejjez tal-procedura, liema sentenza giet esebita. Jikkonferma wkoll illi minflok ma esegwiet l-obbligi taghha skont dik is-sentenza s-socjetà rikorrenti istitwiet il-proceduri odjerni. Is-socjetà rikorrenti ma kkontestatx dan il-fatt bl-ebda mod. Illi in oltre mill-istatement esebiet a folio 45 ma jirrizultax li s-socjetà rikorrenti paciet l-ammont ta' mitejn Ewro u l-ispejjez li giet ikkundannata thallas lill-intimat skont dik is-sentenza.

Illi fir-rigward tat-talba ghall-imghax ghandu jinghad illi meta transazzjoni hija bejn partijiet li wahda minnhom tkun konsumatur ghandha tintbaghat ittra ufficjali sabiex jibda jiddekorri l-imghax u l-imghax jiddekorri mid-data ta' dik l-ittra. Fil-kaz odjern ma ngabet l-ebda prova li ntbaghtet tali interpellazzjoni. Ghalhekk l-imghax ma jistax jibda jiddekorri, apparti l-fatt li l-imghax kien digà mahsub fil-pagamenti rateali.

Illi in oltre s-socjetà rikorrenti qed tippretendi li l-intimat jonora l-parti tieghu tal-ftehim, li qatt ma gie iffirmat minnha, filwaqt illi hija ma tonorax l-obbligazzjonijiet taghha naxxenti mill-istess. Mhux biss izda kif jirrizulta mill-affidavit tal-intimat a folio 55-56 tal-process u mis-sentenza tat-Tribunal tal-Konsumatur li llum hija res judicata, li s-socjetà rikorrenti ghazlet li tibqa' muta dwarha, l-istess socjetà rikorrenti wkoll ma onoratx dik is-sentenza. Dan kif jikkonferma l-intimat fl-affidavit tieghu a folio 55 tal-process, liema intimat ma giex kontro-ezaminat u liema dikjarazzjoni ma giet kontradetta bl-ebda mod mis-socjetà rikorrenti.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi jirrizulta li l-ammont mitlub mis-socjetà rikorrenti ma hux dovut.

Illi fir-rigward tat-talba ghall-imghax, din ukoll ma tistax tigi milqugha mill-Qorti stante illi ma tressqet l-ebda prova ta' interpellazzjoni ghall-hlas maghmula mis-socjetà rikorrenti lill-intimat.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat ghajr l-ewwel eccezzjoni preliminari u tichad it-talbiet tas-socjetà rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur